GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

**Index No: ___________________**

------------------------------------------------------------✂------------------------------------------------------------

# Eżami li jikkwalifika għall-Post ta' Uffiċjal Korrettiv mal-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi

## SETTEMBRU 2024

**Suġġett:** **IL-MALTI**

**Data:** **17 ta' Settembru 2024**

**Ħin:** **09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs)**

**L-istruzzjonijiet ġenerali:**

**Din il-karta tal-eżami fiha ŻEWĠ taqsimiet: Taqsima A u Taqsima B. Il-kandidati jridu jwieġbu ż-ŻEWĠ taqsimiet u għandhom jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. Il-marki għal kull mistoqsija jidhru bejn il-parentesi.**

**It-tweġibiet ta' kull taqsima għandhom jinkitbu fl-ispazju pprovdut fuq il-karta tal-eżami.**

**Taqsima A: Il-Fehim mill-Qari**
**Taħriġ 1: Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet fuqha kif mitlub. (20 marka)**

## Il-Festa Maltija

Il-festi Maltin huma ċelebrazzjonijiet kulturali u reliġjużi fiċ-ċentru tal-ħajja Maltija. Dawn il-festi, li jammontaw għal madwar 90, isiru f'diversi lokalitajiet matul is-sena, speċjalment fis-sajf, huma manifestazzjoni vibranti tat-tradizzjonijiet, il-fidi u l-ispirtu komunitarju tal-Maltin.

Kull festa hija ddedikata lil patrun jew patruna partikolari tagħha, u kull lokalità f'Malta u f'Għawdex għandha l-qaddis jew il-qaddisa tagħha. Il-preparazzjonijiet għal dawn il-festi normalment jibdew minn xhur qabel, jekk mhux l-għada tal-festa stess, b'numru ta' attivitajiet, bħal kunċerti, attivitajiet, ftuħ ta' wirjiet, u laqgħat soċjali.

Il-qofol tal-festa huwa nhar il-Ħadd jew f'jum il-festa, meta l-istatwa tal-qaddis titulari tittieħed f'purċissjoni madwar it-toroq ewlenin tal-lokalità. Matul din il-purċissjoni, nies minn kull livell tal-ħajja jakkumpanjaw l-istatwa, jitolbu, u jgħannu l-innijiet tradizzjonali. Il-purċissjoni hija wkoll akkumpanjata minn marċi brijużi mill-baned lokali, li jdoqqu l-innijiet jew il-marċi tradizzjonali.

Il-festi Maltin huma wkoll magħrufa għal-logħob tan-nar, bil-qofol tiegħu jkun l-ispettaklu grandjuż tan-nar tal-ajru f'lejlet il-festa bix-xow piromużikali. Dan l-aspett tan-nar huwa importanti ħafna għall-festa, tant li kultant issib dik in-naqra kompetizzjoni bejn il-lokalitajiet fuq min jipproduċi l-aħjar spettaklu.

Ħafna mill-festi Maltin jiġbdu wkoll eluf ta' viżitaturi, kemm Maltin kif ukoll barranin, li jiġu biex japprezzaw u jieħdu sehem f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet uniċi. Għal ħafna Maltin, il-festa mhijiex biss avveniment reliġjuż, iżda wkoll opportunità biex jinġabru mal-familja u l-ħbieb, u biex ifakkru l-identità u l-valuri komuni tagħhom.

**Il-mistoqsijiet.**

1. Kif jara l-festa Maltija l-awtur tas-silta? (2 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

2. X'inhu ċ-ċentru tal-festi Maltin? (marka)

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Xi tfisser il-frażi 'marċi brijużi'? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

4. Agħżel it-tweġiba t-tajba minn dawn:

i) Fil-festi Maltin, apparti l-komunità lokali, jieħdu sehem
a) l-Isqof u l-kleru ta' Ruma.
b) ħafna dilettanti, kemm Maltin kif ukoll barranin.
ċ) barranin u l-emigranti Maltin biss. (marka)

ii) Il-preparazzjonijiet għal dawn il-festi ġieli jibdew
a) minn dakinhar stess tal-festa.
b) ftit xhur wara li tgħaddi l-festa.
ċ) sagħtejn wara d-dħul tal-vara. (marka)

5. Imla l-vojt tat-tabella li ġejja b'informazzjoni li ssib mis-silta skont l-eżempju. (6 marki)

| | | **L-informazzjoni fis-silta marbuta man-numru jew mal-frażi/kelma.** |
|---|---|---|
| **Eżempju** | Lejlet il-festa | F'dan il-jum isir l-ispettaklu kbir piromużikali mill-piroteknići. |
| 1 | jum il-festa | |
| 2 | sajf | |
| 3 | 90 | |

6. Kompli dawn is-sentenzi billi tagħti t-tweġiba **fi kliemek** mis-silta li qrajt:

i) Matul il-purċissjoni, in-nies________________________________________ (marka)

ii) Fejn jidħol il-logħob tan-nar għadek issib ______________________________ (marka)

iii) Il-festa hi wkoll opportunità sabiex __________________________________ (marka)

7. Skont l-awtur, il-festa hija avveniment kulturali u reliġjuż. Ikteb **madwar 40 kelma** biex tgħid kif inti taħseb li l-festa tgħin u tkattar l-identità kulturali u reliġjuża tal-Maltin?

(4 marki)

______________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________________

**Taħriġ 2: Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet kollha fuqha. (30 marka)**

## Il-Kunċert

Biex tinkoraġġixxi lil binha ċkejken fl-istudju tiegħu tal-pjanu, omm iddeċidiet li tieħdu għal kunċert li wieħed pjanista famuż kien se jagħti fil-belt fejn kienet toqgħod. Meta daħlet fis-sala sabet postha u qagħdet tistenna l-kunċert jibda. Waqt li kienu bilqiegħda jistennew, l-omm rat ħabiba antika tagħha li kienet ilha ma tiltaqa' magħha u marret tkellimha. It-tifel baqa' bilqiegħda waħdu.

Meta sab ruħu waħdu, it-tifel beda jiddejjaq. Huwa għalhekk ħataf l-okkażjoni biex idur dawra ma' dak il-post mhux tas-soltu. F'kemm trodd salib it-tifel għeb. Ftit wara tbaxxa d-dawl u l-omm marret tiġri lura f'postha billi l-kunċert kien se jibda. Imma meta waslet hemm, skopriet li binha ma kienx għadu bilqiegħda fejn kienet ħallietu. Qabadha ferħ ta' ġenn u bdiet tħares ’l hawn u ’l hemm biex tara tarahx fost il-folla nies li kienet inġabret fis-sala għall-kunċert.

F'daqqa waħda nfetħu l-purtieri tas-siparju. Wara l-pjanu grandjuż li kien hemm fuq il-palk ta' dik is-sala, l-omm tara lil binha ċkejken li, bla mistħija ta' xejn, kien qed idoqq il-melodija *twinkle twinkle little star* b’saba’ wieħed bħalma kien jagħmel fuq il-pjanu tad-dar tagħha. Dak il-ħin fuq il-palk deher il-pjanista li kellu jagħti l-kunċert. Hu ħares lejn iċ-ċkejken u tbissem. Mingħajr għaġla ta' xejn mar fuqu u f'widintu qallu, “Tiqafx! Ibqa' doqq.”

Imbagħad, b'idu x-xellugija l-pjanista beda jakkumpanja lit-tifel waqt li dan kompla jdoqq fis-sempliċità tiegħu. Il-pjanista uża l-id il-leminija wkoll u minnufih minn dak il-pjanu ħarġet armonija mill-isbaħ. Il-melodija tat-tifel baqgħet tispikka imma issa kienet akkumpanjata u mżejna bix-xogħol ikkumplikat li kien qiegħed jesegwixxi dak il-pjanista famuż.

Flimkien, dawn it-tnejn kien irnexxielhom jibdlu sitwazzjoni diżastruża u imbarazzanti f'esperjenza ta' sbuħija straordinarja li tat gost lil kull min kien f’dik is-sala għall-kunċert. L-udjenza baqgħet miblugħa.

(addattata minn R+M 2000 ta’ Ġunju 2014)

**Il-mistoqsijiet.**

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba.

   a) L-omm ħadet lil binha għal kunċert

      i) ta' kitarrista famuż

      ii) ta' pjanista famuż

      iii) ta' kantant famuż. (2 marki)

   b) Waqt li kienu qed jistennew il-kunċert jibda, l-omm lemħet

      i) lill-imgħallem tagħha

      ii) ħabib tagħha

      iii) ħabiba tagħha. (2 marki)

2. Immarka b'ċirku jekk hux **Veru** jew **Falz**. (6 marki)

| | | |
|---|---|---|
| i) | Xħin l-omm qamet minn postha, it-tifel mar magħha. | **VERU/FALZ** |
| ii) | Xħin sab ruħu waħdu, it-tifel mar sab il-ħbieb tiegħu. | **VERU/FALZ** |
| iii) | It-tifel iddejjaq meta sab ruħu waħdu fis-sala. | **VERU/FALZ** |

3. X'għamel it-tifel hekk kif sab ruħu waħdu? (2 marki)

____________________________________________________________

____________________________________________________________

4. X'għamlet l-omm hekk kif sabet li binha ma kienx għadu fejn ħallietu hi? (2 marki)

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

5. Taħseb li l-pjanista kien irrabjat meta ra lit-tifel idoqq il-pjanu? Għaliex taħseb hekk? (2 marki)

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

6. Għaliex taħseb li l-pjanista ma waqqafx lit-tifel milli jkompli jdoqq? (2 marki)

7. Xi rnexxielhom jagħmlu l-pjanista u t-tifel flimkien? (2 marki)

8. Taħseb li din l-istorja ġrat veru jew le? X'hemm fis-silta li jwasslek taħseb hekk? (3 marki)

9. Din l-esperjenza setgħet għenet lit-tifel matul il-kumplament ta' ħajtu. Ikteb paragrafu ta' **madwar 40 kelma** billi tgħid kif din l-esperjenza setgħet influwenzat ħajjet dan it-tifel.

(7 marki)

**TAQSIMA B: IL-KITBA**

**TAĦRIĠ 1: IL-KITBA TA' RAPPORT** **(10 marki)**

Ikteb rapport ta' bejn **70 u 80 kelma** fuq WIEĦED minn dawn it-titli.

a) Kont l-Uffiċjal inkarigat minn grupp ta' persuni f'detenzjoni li qattgħu jum ta' ħidma volontarja f'dar tat-tfal. Ikteb rapport fuq kif żviluppat din il-ġurnata.

*JEW*

b) Bħala Uffiċjal kont responsabbli mill-organizazzjoni ta' jum attivitajiet sportivi għall-persuni fiċ-ċentru fejn taħdem. Ikteb rapport biex tagħti rendikont ta' dak kollu li sar u kif żvolġew l-attivitajiet.

**TAĦRIĠ 2: IL-KITBA TAL-EMAILS** **(40 marka)**

Ikteb email ta' bejn **180 u 200 kelma** fuq WIEĦED minn dawn it-titli:

a) Ikteb email lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija fejn tagħtih xi suġġerimenti ta' attivitajiet li jistgħu jiġu organizzati matul il-jum għall-persuni miżmuma fil-faċilità korrettiva fejn taħdem.

*JEW*

b) Ikteb email lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija biex tirrakkuntalu esperjenza pożittiva li għaddejt minnha waqt is-servizz tiegħek.

*Imla l-vojt fit-tabella tal-bidu tal-email u ikteb fil-linja mogħtija.*

Titlu: **a** *jew* **b**

| | |
|---|---|
| Mingħand: | m.pace @smail.sm |
| Lil: | ceo.serv.korr@kmail.sm |
| **Data:** | |
| **Suġġett:** | |

**Total: 100 marka**

## TMIEM IL-KARTA TAL-EŻAMI

**PAĠNA VOJTA**

**PAĠNA VOJTA**

PAĠNA VOJTA